# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 33/2021: **MARY SPITERI (KI. 341061M) V. G4S COMMUNITY SERVICES LIMITED (C24632)**

(PRESKRIZZJONI TAHT L-ART. 2147(C) FIR-RIGWARD TA' AZZJONIJIET GHALL-HLAS TA' ARRETRATI TA' PAGI – IL-PRESKRIZZJONI MA' TISTAX TIĠI SOLLEVATA MINN QORTI TA' ĠURISDIZZJONI ĊIVILI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Jannar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Mary Spiteri ("ir-rikorrenti") ippreżentat fid-9 ta' Frar 2021,

wara li rat ir-risposta ta' G4S Community Services Limited ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") ippreżentata fid-29 ta' Marzu 2021[1],

wara li rat l-Ordni tagħha tal-15 ta' April 2021 li permezz tagħha appuntat il-kawża għat-28 ta' Ġunju 2021 fl-09:50hrs għall-provi tal-intimata fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni[2],

wara li rat in-nota tal-intimata ppreżentata fit-12 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha *inter alia* ppreżentat dokument u għalqet il-provi fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnha[3],

[1] Fol 10
[2] Fol 11
[3] Fol 16

wara li rat d-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu varjat l-Ordni fuq msemmija billi ordnat li l-ewwel seduta tkun riservata għall-provi tar-rikorrenti fuq l-istess eċċezzjoni[4],

wara li rat in-nota tal-intimata ppreżentata fit-8 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha indikat l-artikolu tal-liġi li abbażi tagħha qed tallega l-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti[5],

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat li fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2021 il-partijiet iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa fuq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni[6],

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Daniel Buttigieg,
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Andrew Borg-Cardona,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

### Atti tal-bidu

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimata tħallasha s-somma ta ' €6,743.62 oltre l-imgħax legali rappreżentanti d-differenza bejn il-paga dovuta lilha skond il-*collective agreement* tal-20 ta' Jannar 2011 u l-paga illi hija rċeviet tul l-impjieg tagħha, liema dejn huwa ċert likwidu u dovut u li jirriżulta mill-prospett anness mar-rikors u mmarkat bħala Dok A. Ir-rikorrenti talbet ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1577/2020.

2. Il-kumpanija intimata eċċepiet:

    1. Fl-ewwel lok li hija qed tiġi ppreparata għall-istralċ u f'dan is-sens ippromettiet illi ser iżżomm lill-Qorti u lill-parti l-oħra infurmata bl-iżviluppi li jista' jkun hemm,

[4] Fol 18
[5] Fol 29
[6] Fol 31

2. Fit-tieni lok li l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta "*bl-operat tal-Art. 2147-2149 tal-Kap. 16 u Art. 47 tal-Kap. 452 u dan peress illi r-rikorrenti spiċċat mill-impjieg fl-2018, kif ukoll anke jirriżulta mir-rikors (*li*) parti sostanzjali tal-ammont pretiż jirreferi anzi għal snin preċedenti*",

3. Fit-tielet lok li mingħajr preġudizzju l-ammont mitlub mhuwiex dovut.

**Provi**

3. Bħala provi mressqa fuq din l-eċċezzjoni jirriżulta s-segwenti:

1. Il-kumpanija intimata **G4S Community Services Ltd** ppreżentat nota fit-12 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha esebiet il-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti minn magħha. [7] Minnha jirriżulta illi l-impjieg intemm fit-30 ta' April 2018 wara "trasferiment tan-negozju", xi ħaġa li ġiet nota ukoll mir-rikorrenti fid-dokument esebit mar-rikors promotur[8]. Jirriżulta ukoll illi l-isem tal-*employer* fuq din il-formola huwa indikat bħala "The Guard & Warden Service House Ltd" u mhux isem l-intimata. Għalkemm fl-istess nota l-intimata tiddikjara li m'hemmx kontestazzjoni dwar dan il-fatt madanakollu l-partijiet baqgħu ma' ressqu l-ebda kjarifikazzjoni f'dan ir-rigward matul il-kawża. Fl-istess nota l-intimata ddikjarat ukoll illi ma' rċeviet ebda intimazzjoni ġudizzjarja qabel l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Awwissu 2020[9]. Għal kull bwon fini għandu jingħad ukoll illi din in-nota ma' ġietx maħlufa mal-preżentata tagħha u lanqas matul il-kors tal-kawża.

2. Ir-rikorrenti **Mary Spiteri** xehdet bil-mezz tal-affidavit. Hija qalet illi llum il-ġurnata taħdem bħala *Community Officer* mal-LESA li qabel kienet G4S Community Services Limited. Tgħid illi kienet ilha impjegata tal-intimata għal madwar għaxar snin u li dejjem wettqet xogħolha tajjeb. Il-paga dejjem rċevietha fil-ħin iżda madwar erba' snin ilu saret taf minn kollegi tal-post tax-xogħol tagħha illi skond il-*Collective Agreement* li hemm fis-seħħ bejn il-GWU u l-intimata hija suppost kellha tkun qed tirċievi ħafna aktar paga għall-posizzjoni li kienet fiha. Hija għalhekk kellmet lid-diriġenti tal-intimata li qalulha illi ma' kellhomx ir-*records* neċessarji sabiex jaħdmulha eżattament il-paga li kellha tieħu skond il-ftehim kollettiv. Madanakollu

---

[7] Fol 16
[8] Fol 2
[9] Fol 4

qalet illi sħabha kienu tħallsu dak dovut lilhom skond il-ftehim. Għalhekk ħassietha li qed tiġi diskriminata u kellmet lill-GWU sabiex jassistuha. Dawn ikkalkulaw li kien hemm diskrepanza ta' € 6,743.62 bejn il-paga li kellha tieħu u dak li effettivament kienet tħallset matul is-snin. Ittemm l-affidavit billi tgħid illi baqgħet qatt ma' tħallset dan l-ammont u li għalhekk kienet kostretta tiftaħ il-kawża sabiex tieħu dak li bi dritt huwa tagħha.[10]

3. **John Bezzina**, HR Manager tal-intimata, prodott mir-rikorrenti fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021 xehed illi huwa ilu impjegat mal-kumpanija intimata għal dawn l-aħħar sentejn u li dak li kien ser jixhed fuqu ġabu mir-*records* tal-kumpanija. Spjega li ma' kellux informazzjoni fuq ftehim kollettiv li seta' ġie ffirmat bejn il-GWU u l-kumpanija The Guard & Warden Service House Ltd peress li ma' kellux x'jaqsam ma' din il-kumpanija. Huwa qal li l-persuna li kien *Managing Director* ta' The Guard & Warden Service House Ltd , ċertu Julian Dimech, seta' jkun f'posizzjoni aħjar li jixhed dwar jekk hemmx xi ammonti dovuti lir-rikorrenti u jekk qattx kien hemm xi diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

4. **Riccarda Darmanin**, in rappreżentanta tal-GWU, prodott mir-rikorrenti fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021 xehdet illi hija ilha segretarja tat-taqsima in kwistjoni għal dawn l-aħħar sentejn. Hija ma sabet l-ebda ftehim kollettiv li jġorr id-data tal-20 ta' Jannar 211 bejn il-kumpanija intimata u l-GWU. Li sabet biss kien ftehim kollettiv ferm iktar riċenti. Lanqas ma' setgħet issib informazzjoni dwar xi ilmenti li setgħet rċeviet l-GWU minn ħaddiema fl-istess kariga tar-rikorrent dwar il-ħlas tal-pagi tagħhom.

5. Għal kull bwon fini fl-istess seduta l-partijiet qablu dwar l-eżistenza tal-ftehim kollettiv tal-20 ta' Jannar 2011 anke jekk dan ma' setax jiġi rintraċċjat.

**Eċċezzjoni sollevata mill-intimata**

4. Fir-risposta tagħha l-intimata invokat il-preskrizzjoni taħt "*l-Art. 2147-2149 tal-Kap. 16 u Art. 47 tal-Kap. 452*".

5. F'dak li għandu x'jaqsam l-Art. 47 tal-Kap. 452 dan jirregola l-perjodu ta' preskrizzjoni għal **reat** taħt il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta (jew taħt xi leġislazzjoni

[10] Fol 25-26

sussidjarja taħt l-istess kap) u għalhekk m'għandu x'jaqsam xejn ma' azzjonijiet ta' natura ċivili li jistgħu jitqajjmu quddiem din il-Qorti.

6. L-Artikolu 2147 tal-Kodiċi Ċivili jitratta dwar dawk l-azzjonijiet li jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sena, l-Artikolu 2148 jipprovdi għal dawk li jaqgħu bit-trapass ta' tmintax-il xahar mentri l-Artikolu 2149 jitratta dwar l-azzjonijiet li jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Kull wieħed minn dawn l-artikoli jipprovdi għal diversi azzjonijiet fis-subinċiżi rispettivi taħt l-istess artikoli. Iktar tard matul il-kors tal-kawża l-kumpanija intimata indikat permezz ta' nota illi hija kienet qed teċepixxi l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2147(c) tal-Kap. 16 filwaqt li kienet qed tirriserva li tinvoka ukoll il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2148(d) tal-istess kap. [11]

7. L-Artikolu 2147(c) tal-Kap. 16 jipprovdi li jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sena:

***'l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu'***

8. Ir-rikorrenti qed titlob il-ħlas tad-differenza bejn il-pagi li tħallset mill-intimata fil-perjodu 2015-2018 u l-pagi li qed tgħid li kellha titħallas skond il-ftehim kollettiv tal-20 ta' Jannar 2011.

9. Huwa maqbul bejn il-partijiet illi r-rikorrenti kellha l-impjieg tagħha tterminat fit-30 ta' April 2018. Kif ġa rrimarkat il-Qorti baqgħu ma' tressqu l-ebda provi dwar x'relazzjoni hemm bejn il-kumpanija li hija indikata bħala l-*employer* fuq il-formola esebita a fol 17 tal-proċess u l-kumpanija intimata għajr illi seta' kien hemm xi trasferiment tan-negozju bejniethom. Il-Qorti kienet tistenna li punt bħal dan jiġi mogħti ftit iżjed attenzjoni mill-partijiet (partikolarment mir-rikorrenti) anke jekk għall-preċiżjoni jrid jingħad ukoll illi l-kumpanija intimata m'hijiex qed tqajjem xi eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika.

10. Il-kawża ġiet miftuħa fid-9 ta' Frar 2021. Iktar qabel però, sewwasew fit-13 ta' Awwissu 2020 ġiet intavolata ittra uffiċjali mir-rikorrenti kontra l-intimata għall-ammont pretiż f'din il-kawża. Kopja ta' din l-ittra flimkien man-nota responsiva tal-intimata jinsabu esebiti a fol 4. Ma' hemm l-ebda indikazzjoni meta l-imsemmija

[11] Fol 29

ittra ġiet notifikata lill-intimata u għalhekk il-Qorti tqis li mill-provi li għandha quddiemha hija d-data ta' meta ġiet intavolata n-nota responsiva (ċioe fil-11 ta' Settembru 2020) li għandha titqies bħala d-data ta' meta l-preskrizzjoni tal-azzjoni ġiet interrotta b'mod ġudizzjarju. Mit-30 ta' April 2018 sal-11 ta' Settembru 2020 laħqu għaddew iżjed minn sentejn u erba' xhur. Dan ifisser illi jekk il-Qorti issib illi l-preskrizzjoni sollevata mill-intimata taħt l-Artikolu 2147(c) hija applikabbli għal dan il-każ, l-azzjoni tkun tirriżulta preskritta bit-trapass taż-żmien dejjem sakemm ma' jirriżultax lill-Qorti xi provi oħra li jxejjnu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2127-2136 u/jew 2160 tal-Kap. 16.

11. Sentenza li daħlet f'ċertu dettal dwar l-applikabbilta tal-Art. 2147(c) għal azzjoni dwar ħlas ta' arretrati ta' paga hija dik li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet: **<u>'Josephine Vella et. v. Korporazzjoni Enemalta'</u> (11/07/2008, Imħallef Dr. Anthony Ellul)**, liema sentenza kienet ġiet ukoll ikkonfermat fl-appell. F'din is-sentenza ntqal illi

***"Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-***

***(a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliz in kwantu fit-test Malti jinghad "ghall-hlas tal-granet tal-pagi" filwaqt li fit-test Ingliz jinghad "for the payment of their wages";***

***(b) Jidher li hemm lacuna in kwantu dan il-provvediment ma japplikax ghal dawk il-persuni li ghandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li ghal dawn il-persuni japplika perjodu ta' preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hekk. Fil-kawza fl-ismijiet Paul Degiorgio vs Vincent Muscat deciza fit-8 ta' April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-attur kien jahdem bhala chef u kien jithallas kull gimgha. L-attur harrek lill-principal tieghu ghall-hlas ta' salarju. Il-Qorti kkonkludiet: <<Infatti l-artikolu 2147(c) fuq imsemmi jitkellem dwar persuni mhallsin bix-xahar, jew persuni ingaggati bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi. Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-attur kien ingaggat u jithallas bil-gimgha u mhux bix-xahar u lanqas bil-gurnata. Ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami.>>***

*.*

***(c) Certament li wasal iz-zmien li dawn il-provvedimenti, li dahlu fis-sehh permezz tal-Ordinanza numru VII tal1868, jigu riveduti u fejn hemm bzonn emendati sabiex jirriflettu z-zminijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qorti mhi tara***

*l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imhallsin bix-xahar u haddiema ohra imhallsin iktar spiss.*

*(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma paga u wkoll salarju, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom minkejja li fil-hajja ta' kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b'mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma "tal-granet tal-pagi" (fittest Taljan "pel pagamento delle loro giornate") qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Alex Caruana vs Joseph Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978. M'hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala haddiema li jahdmu bil-gurnata.*

*…*

*4. Tibqa' l-kwistjoni jekk l-atturi humiex imhallsin bix-xahar. Mill-provi rrizulta li l-atturi kienu ghamlu zmien jircievu s-salarju kull xahar. Jidher li b'sehh mis-sena 2003 il-pagament beda jsir kull erbgha (4) gimghat. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni mill-payslips ta' l-attur John D. Mizzi ghall-perjodu 1/12/02-31/12/02 (fol. 36) u 6/1/2003-2/2/2003 (fol. 37), u qeghda tifhem li fl-istess perjodu l-istess sistema bdiet tapplika fil-konfront tal-attrici l-ohra. Il-fehma tal-Qorti hi li l-kelma "xahar" ghandha tfisser xahar skond il-kalendarju Gregorjan …*

*Jekk wiehed kellu japplika dan it-terminu ta' preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jithallsu s-salarju kull erbgha (4) gimghat, ghaliex dan ma jikkwalifikax bhala xahar. Irid jinghad li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, tali dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni …*

*Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li s-salarju m'huwiex pattwit kull erbgha (4) gimghat imma tant fis-sena. Il-fatt li mbaghad il-modalita' tal-hlas hi kull erbgha (4) gimghat (fil-kaz ta' Josephine Vella ghamlet numru ta' snin fejn ussalarju kienet tircevih kull xahar) hi kwistjoni ohra. Il-Qorti hi tal-fehma li m'huwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, cjoe' l-frekwenza talhlas. Interessanti kif fit-test originali (Ordinanza numru VII tal-1868), il-kelma li intuzat hi "stipendiati" (salaried bl-Ingliz). L-Articolo 1912 (illum 2148) kien jaqra "Di coloro che fossero stipendiati ad anno pel*

***pagamento del loro salario." Provvediment li sal-lum ghadu ma giex emendat. Fil-fehma tal-Qorti hekk biss jistghu jgu nterpretati l-provvedimenti rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju, sabiex jaghmlu sens. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine deciza fit-22 ta' Frar 2002 fis-sens li:- <<Kif juri s-seba' patt tal-ftehim, izda, is-salarju ta' lattur huwa stipulat b'tant fis-sena, mhux b'tant fix-xahar; il-preskrizzjoni taht l-art. 2147(c) tal-Kodici Civili ghalhekk ma tghoddx ghall-kaz ta' l-attur, u l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda>>.***

***Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bzonn li jsiru, isiru fuq sena salarju. Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddecidi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi tichad l-istess bl-ispejjez ghall-Korporazzjoni Enemalta."***

12. Il-Qorti tikkondividi bis-sħiħ dan l-insenjament tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri.

13. Kif ġieli intqal mill-Qrati tagħna, hija regola ewlenija li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti kontra minn tqajmet din l-eċċezzjoni tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti eċċipjenti billi tmeri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.[12] F'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Din ir-regola ewlenija trid tinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16[13].

14. Fil-każ *de quo* ma' tressqet **l-ebda prova** dwar kif kien pattwit il-ħlas tal-pagi li rċeviet ir-rikorrenti matul l-impjieg tagħha ċioe jekk mhux kull erba' ġimgħat jew b'tant fis-sena. Din hija prova li kellha titressaq mill-kumpanija intimata ġaladarba kienet hi li ssollevat l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u fuq hekk biss il-Qorti hija tenuta tiċħad l-istess eċċezzjoni. Għal kull bwon fini però hemm raġunijiet oħra għala din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

---

[12] **Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara et noe**, deċiża fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti Civili, Prim'Awla.
[13] **Anthony Pandolfino v. ARMS Ltd** (Rik. Nru. 878/2015 RGM, deċiż 28 ta' Jannar 2021)

15. Jirriżulta mid-dokument a fol 2 tal-proċess illi skond il-ftehim kollettiv jidher illi kien hemm rata maqbula fis-sena għas-snin 2015, 2016, 2017 u 2018. Dan juri lill-Qorti fuq bilanċ ta' probabilitajiet illi l-paga tar-rikorrenti kienet pattwita b'tant ammont fis-sena u mhux bix-xahar.

16. Inoltre, l-Artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 jesiġi li l-preskrizzjonijiet imsemmija *inter alia* fl-Art. 2147(c) "*m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li* ***mhumiex debituri****, jew* ***li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa***"[14]

17. Fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Stephen Muscat nomine et v. Nicholas Grima et**." (Rik. Nru. 761/16 GM, deċiża 2 ta' Settembru 2020), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk fuq dan is-subartikolu:

*"Illi mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi Ċivili sal-Att numru I tas-sena 2017, l-Art. 2160 kien joħloq u jirregola l-ġurament deċiżorju, mogħti mill-pretiż kreditur lill-allegat debitur, abbażi ta' domanda uniku u preċiża: jekk huwiex debitur, jew jekk jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa. Id-debitur kellu jwieġeb dawn id-domandi skont il-formola, u xejn iżjed. Il-kreditur ma setax jistaqsi domandi oħrajn flimkien jew wara din id-domanda. Jekk id-debitur iwieġeb fin-negattiv, allura l-preskrizzjoni tkun ġiet ippruvata. Effettivament id-debitur ikun ġie ttrasformat f'ġudikant tiegħu nnifsu. It-tweġiba kienet tkun tassew waħda deċiżorja għax taqta' l-kwistjoni irrispettivament jekk id-debitur ikunx qiegħed jigdeb jew jgħid il-verita jew jekk il-ġudikant jemmnux jew le. Illi permezz tal-Att I tal-2017 (li b'għaġġla kbira reġa' ġie emendat bl-Att VII.2017), il-ġurament ikkontemplat fl-Art. 2160 għadda minn vera u proprja metamorfosi, għaliex tbiddlet in-natura tiegħu. Ma baqax jitratta ġurament deċiżorju, li kien isir b'għażla tal-kreditur u a riskju tiegħu minħabba li t-tweġiba kellha effett probatorju assolut u awtomatiku li ma setax jiġi mpunjat. Il-ġurament li l-konvenut mhux debitur issa ma jingħatax mill-pretiż kreditur a xelta tiegħu, imma mill-allegat debitur bilfors u fuq inizjattiva tiegħu stess bħala element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi. Il-ġurament ma baqax deċiżiv għaliex id-debitur li jkun ħadu jista' jiġi assoġġettat għall-kontro-eżami: Dak li kien ġurament deċiżorju, illum, mhux bilfors baqa' deċiżorju. Jista' jkun li ġie reż fi prova bħal kull prova oħra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretenzjoni fil-kawża.*

---

[14] Emfasi tal-Qort

*Illi filwaqt li fl-Art. 2160 oriġinali, l-istqarrija tal-konvenut riedet issir meta jiġi deferit lilha l-ġurament (u dan bilfors kellu jkun hekk) fl-Art. 2160 kif issa emendat, il-ġurament li mhuwiex debitur jista' jittieħed f'kull waqt tal-kawża"*

18. Minkejja l-bdil radikali fl-Art. 2160, il-ħtieġa li l-persuna li jeċepixxi l-preskrizzjoni jistqarr li mhuwiex debitur jew li ma' jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, baqgħet l-istess.

19. F'dan il-każ, kif sew argumenta fit-trattazzjoni tiegħu l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti, il-kumpanija intimata ma' ressqet lil ħadd għan-nom tagħha sabiex minn jeddu jixhed illi l-kumpanija m'hijiex debitriċi tar-rikorrenti jew li ma' jiftakarx jekk l-ammont ġiex imħallas. Għalhekk il-preskrizzjoni sollevata mill-intimata m'għandiex effett.

20. Tajjeb jingħad illi għalkemm fin-nota tagħha tat-8 ta' Ottubru 2021 l-intimata rriservat li tinvoka ukoll il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2148(d) tal-Kap. 16, hija baqgħet ma' ssollevatx din l-eċċezzjoni b'mod formali u għalhekk il-Qorti ma' tistax f'din is-sentenza tindaga dwar jekk tali artikolu tal-liġi japplikax għall-każ odjern. Lanqas ma' tista' l-Qorti tara liema mill-Artikoli 2147-2149 (invokati ukoll b'mod ġenerali fir-risposta tal-intimata) japplikaw. Dan jingħad għaliex Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili m'għandiex il-liberta' li *da sua sponte* tissolleva hija stess xi eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u dan kuntrarjament għal Qorti ta' ġudikatura kriminali li hija tenuta tagħmel hekk.[15] Filfatt dan huwa pprovdut għalih fl-Artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

*'2111. Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata.'*

21. Naturalment, anke skond kif jipprovdi l-artikolu sussegwenti tal-Kap. 16 (Art. 2112), l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell u l-intimata għalhekk għad tista' tissolleva kwalunkwe eċċezzjoni ta' preskrizzjoni oħra li jkun jidhrilha xieraq.

---

[15] Ara fost oħrajn **Futura Home Appliances v. John Peresso** (16/03/2005, App. 817/2002 PS): *"Meta tigi invokata il-preskrizzjoni huwa mehtieg li jigi indikat l-artikolu partikolari u jekk ikunhemm diversi sub-incizi distint li jipprospettaw preskrizzjoni ghal tipi diversi ta' azzjonijiet, is-sub-inciz partikolari ikun irid jiġi invokat. Mhux bizzejjed li ssir referenza ghat-terminu preskrittiv. Il-qorti ma tistax taghmel tajjeb hi ghal tali nuqqas billi ma tistax tqajjem il-preskrizzjoni ex ufficio."*

22. Fl-aħħar u mhux l-inqas il-Qorti trid tirrimarka ukoll illi ma' taqbilx mal-argument tad-difensur legali tar-rikorrenti illi għandha tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali għall-azzjoni tar-rikorrenti sempliċiment għaliex il-paga korretta kienet stabbilita minn ftehim kollettiv. Lanqas m'huwa l-każ illi d-dejn pretiż f'din il-kawża joħroġ minn xi ftehim kollettiv. Il-pagi dovuti lir-rikorrenti mill-kumpanija intimata huma naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali ta' impjieg li kien hemm bejniethom u mhux minn ftehim iffirmat bejn il-kumpanija intimata u organizzazzjoni ta' impjegati.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimata ai termini tal-Art. 2147(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |